## IL-BINI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM F'Ċ-ĊIFRI



• **Arkitett:** Lord Richard Rogers

Konsorzju ta' Arkitetti: Richard Rogers Partnership Ltd, Londra, u Claude Bucher, Strasbourg

• **Spiża:** 455 miljun FRF

• **Arja tal-art li tista` tintuża:** 28 000 m.q., li tinkludi
- 860 m.q. għall-Awla tas-Smigħ
- 520 m.q. għall-Awla tas-Smigħ iż-żgħira
- 4 500 m.q. ta' kmamar għall-laqgħat
- 16 500 m.q. ta' uffiċċi

• **Numru ta' kmamar għall-laqgħat:** 18, li jinkludu
- L-Awla ta' Smigħ (243 post bilqiegħda + 49 għall-imħallfin + 22 għall-applikanti)
- L-Awla ta' Smigħ iż-zgħira (101 post bilqiegħda + 25 għall-imħallfin + 12 għall-applikanti)
- L-Awli għad-deliberazzjonijiet tal-Qorti (postijiet bilqiegħda 47-52).
- Kmamar għall-laqgħat (medja ta' 47 post madwar il-mejda, u 52) fuq wara)

• **Numru ta' uffiċċi:** 535 uffiċċju (ivarja)

• **Tgħamir awdjoviżwali:** Sala għall-istampa (204 postijiet) Sala għas-seminars (104 postijiet)

• **U ma ninsewx:**
- 490 km ta' kejbils tal-elettriku
- 5 500 lampa
- 10 km ta' pajpijiet
- 500 metru ta' "document conveyors"
- 9 liftijiet/liftijiet għall-merkanzija
- 450 tunnellata ta' qafas tal-metall
- 1 450 tunnellata ta' rinforż tal-konkrijt
- 15 000 metru kubiku tal-konkrit
- 2 800 metru linjari ta' kaxex tat-twieqi ta' mpjant fiss
- 4 pompi tas-sħana
- 16-il unita` separata ta' trattament tal-arja
- 50 impriża b'125 sottokontrattur
- 1 500 ħaddiem fuq il-post
- 800 000 siegħa ta' xogħol ta' kostruzzjoni

## MA GĦANDNIEX NĦAWWDUHA MA`

**L-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**
li għandha s-sede tagħha fil-Lussemburgu. Din il-Qorti tiżgura l-konformita' mall-liġijiet u r-regoli tal-UE fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-trattati li jistabilixxu l-Unjoni Ewropea.

**L-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja**
Organu ġudizzjarju tal-Ġnus Magħquda, li għandha s-sede tagħha fl-Aja.

**Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem**
Test adottat mill-Ġnus Magħquda fl-1948 biex issaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell internazzjonali.

**Karta tad-Drittijiet Fondamentali**
Test tal-Unjoni Ewropea fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, adottat fl-2000.



## GĦAL AKTAR TAGĦRIF

**European Court of Human Rights**
**Public Relations**
**67075 Strasbourg cedex**
**France**
**www.echr.coe.int**

MLT



# IL-QORTI

# fil-qosor

EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE




## IL-QORTI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija qorti internazzjonali mwaqqfa fl-1959. Hija tagħti ġudizzji fuq applikazzjonijiet imressqin minn individwi jew Stati li jallegaw ksur tad-drittijiet ċivili u politiċi kif definiti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ilha teżisti bħala qorti *full-time* mill-1998 u l-individwi jistgħu japplikaw lilha direttament.

Min meta l-Qorti ġiet mwaqqfa eżaminat mijiet ta' eluf ta' applikazzjonijiet. Is-sentenzi tagħha huma vinkolanti fuq il-pajjiżi kkonċernati u ġiegħlu bosta gvernijiet ibiddlu l-leġiżlazzjoni u l-prattika amministrattiva tagħhom f'firxa wiesgħa ta' oqsma.Grazzi għall-ġurisprudenza tal-Qorti, l-Konvenzjoni llum hija strument modern, ħaj u qawwi biżżejjed biex tilqa sfidi ġodda u tikkonsolida l-istat tad-dritt u d-demokrazija fl-Europa.

Il-Qorti għandha s-sede tagħha fi Strasbourg, fil-Bini tad-Drittijiet tal-Bniedem ddiżinjat mill-arkitett Ingliż Lord Richard Rogers fl-1995 - bini li l-immaġni tiegħu hija magħrufa mad-dinja kollha. Minn hawn il-Qorti żżomm taħt osservazzjoni r-rispett għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' 700 miljun Ewropew fis-46 Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa li rratifikaw il-Konvenzjoni.

## DATI STORIĊI

**5 ta' Mejju 1949**
**Il-ħolqien tal-Kunsill tal-Ewropa**

**4 ta' Novembru 1950**
**L-adozzjoni tal-Konvenzjoni**

**3 ta' Settembru 1953**
**Id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni**

**21 ta' Jannar 1959**
**L-ewwel membri tal-Qorti jiġu eletti mill-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill tal-Ewropa**

**23-28 ta' Frar 1959**
**Issir l-ewwel sessjoni tal-Qorti**

**18 ta' Settembru 1959**
**Il-Qorti tadotta r-Regoli tal-Qorti tagħha**

**14 ta' Novembru 1960**
**Il-Qorti tagħti l-ewwel sentenza tagħha:**
*Lawless vs. Ireland*

**1 ta' Novembru 1998**
**Jidħol fis-seħħ il-Protokoll Nru 11 tal-Konvenzjoni, li jistitwixxi "l-Qorti l-ġdida"**

**1 ta' Ġunju 2010**
**Jidħol fis-seħħ il-Protokoll Nru 14 bil-għan li tiġi garantita l-effiċjenza tal-Qorti fuq medda twila taż-żmien**

**1 ta' Awissu 2018**
**Jidħol fis-seħħ il-Protokoll Nru 16 tal-Konvenzjoni, li jipermetti lill-Qorti tagħi opinjonijiet konsultattivi**



## IL-KONVENZJONI EWROPEA DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM



Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija trattat internazzjonali li bih l-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jwegħdu li jiżguraw id-drittijiet fondamentali ċivili u politiċi mhux biss liċ-ċittadini tagħhom imma anki lil kull min jaqa` taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-Konvenzjoni, li ġiet iffirmata f'Ruma l-4 ta' Novembru 1950, daħlet fis-seħħ fl-1953.

## IL-GARANZIJI U L-PROJBIZZJONIJIET



**Il-Konvenzjoni tiżgura b'mod partikolari:**

- id-dritt għall-ħajja,
- id-dritt għal smigħ xieraq,
- id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja,
- il-liberta` ta' espressjoni,
- il-liberta` tal-ħsieb, kuxjenza, u reliġjon u,
- il-protezzjoni ttal-proprjeta`.

**Il-Konvenzjoni tipprojbixxi b'mod partikolari:**

- it-tortura u t-trattament jew il-piena inumani u degradanti,
- l-iskjavitu` u l-ħidma furzata,
- il-piena tal-mewt,
- id-detenzjoni arbitrarja u llegali, u
- d-diskriminazzjoni fid-dgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet definiti fil-Konvenzjoni.